IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2015
COM(2015) 642 final

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

It-Tieni Rapport Biennali tal-Unjoni Ewropea skont il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima

(meħtieġ skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE u d-Deċiżjoni 2/CP.17 tal-Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC)

{SWD(2015) 282 final}

MT MT

INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah jikkostitwixxu t-tieni Rapport Biennali tal-Unjoni Ewropea (UE), kif rikjest mill-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 u mid-Deċiżjoni 2/CP.17 tal-Konferenza tal-Partijiet taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC). Dawn se jintbagħtu lill-UNFCCC bħala t-tieni sottomissjoni tar-Rapport Biennali tal-UE.

INFORMAZZJONI DWAR IX-XEJRIET U L-EMISSJONIJIET TAL-GASSIJIET SERRA

L-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fl-UE-28, inkluż tal-avjazzjoni internazzjonali, naqsu b'madwar 20 % bejn l-1990 u l-2013. L-emissjonijiet irrappurtati huma l-emissjonijiet rilevanti għall-mira tal-UE skont il-Konvenzjoni u ttieħdu mill-aħħar sottomissjoni tal-inventarju tal-UE lill-UNFCCC. L-aktar gass serra importanti huwa d-CO2, li kien jammonta għal 82 % tal-emissjonijiet totali tal-UE-28 fl-2013.

L-emissjonijiet għal kull persuna fl-UE naqsu b'26 % bejn l-1990 u l-2013, minn 11,8 t/kull persuna għal 8,9 t/kull persuna. Filwaqt li l-emissjonijiet fl-UE-28 kienu qegħdin jonqsu, l-ekonomija kibret. Id-diżakkoppjament tat-tkabbir ekonomiku mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra ilu jipprogressa bla heda sa mill-1990. It-tkabbir tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) għall-perjodu 1990-2013 kien ta' madwar 45 % għall-UE-28, filwaqt li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra naqsu b'madwar 20 %. B'riżultat ta' dan, l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE tnaqqset bi kważi n-nofs.

L-implimentazzjoni tal-politiki strutturali fil-qasam tal-klima u tal-enerġija ikkontribwiet b'mod sinifikanti għal dan id-diżakkoppjament li rnexxa. B'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-Pakkett tal-Klima u tal-Enerġija tal-2020 irriżultat f'żieda sinifikanti fl-enerġija rinnovabbli u fi progress fl-effiċjenza enerġetika. It-tnejn li huma kienu fatturi ewlenin li wasslu għat-tnaqqis osservat fl-emissjonijiet, bil-prezz tal-karbonju li jagħmilha ta' forza importanti li kulma jmur mistennija tkun aktar b'saħħitha fil-ġejjieni.

MIRA KWANTIFIKATA TAL-UE GĦAT-TNAQQIS TAL-EMISSJONIJIET FL-EKONOMIJA KOLLHA

Taħt il-UNFCCC, l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom dwar mira konġunta għat-tnaqqis tal-emissjonijiet biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħhom b'minn tal-anqas 20 % sal-2020 meta mqabbel mal-1990, b'offerta kundizzjonali li jimxu lejn tnaqqis ta' 30 %, bil-kundizzjoni li pajjiżi żviluppati oħra jimpenjaw ruħhom dwar tnaqqis kumparabbli fl-emissjonijiet u li pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkontribwixxu b'mod xieraq skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom.

Il-mira tal-UE hija mnaqqxa fil-leġiżlazzjoni, u qed tiġi implimentata mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Fil-qalba ta' din il-leġiżlazzjoni, il-Pakkett tal-Klima u tal-Enerġija tal-UE jistabbilixxi mira għall-Unjoni ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' 20 % sal-2020 meta mqabbel mal-1990, li hija l-ekwivalenti ta' tnaqqis ta' 14 % meta mqabbel mal-2005. Dan l-isforz inqasam bejn l-oqsma koperti mis-Sistema tal-UE għan-Negozjar tal-Emissjonijiet (EU ETS) u l-oqsma mhux koperti bl-ETS skont id-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESD).

PROGRESS FIL-KISBA TAL-MIRA GĦAT-TNAQQIS TAL-EMISSJONIJIET FL-EKONOMIJA KOLLHA – POLITIKI U MIŻURI TAL-UE U L-EFFETTI TAGĦHOM

L-UE u t-28 Stat Membru tagħha, kemm individwalment kif ukoll flimkien, ilhom jimplimentaw azzjonijiet domestiċi u internazzjonali kontra t-tibdil fil-klima għal għadd konsiderevoli ta' snin, u dawn irriżultaw fi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet.

Sabiex twieġeb għall-isfidi u għall-ħtiġijiet ta’ investiment b'rabta mal-azzjoni tal-klima, l-UE qablet li minn tal-anqas 20 % tal-baġit tal-UE għall-2014-2020 – sa EUR 180 biljun – għandhom jintefqu fuq azzjoni b'rabta mat-tibdil fil-klima. Dan jirrappreżenta żieda sinifikanti meta mqabbel man-nefqa b'rabta mal-azzjoni klimatika fil-baġit preċedenti, li kienet tirrappreżenta 6,8 % tal-baġit tal-UE għall-2007-2013. Sabiex jinkiseb dan, l-azzjonijiet ta’ mitigazzjoni u ta’ adattament huma integrati fil-programmi ewlenin kollha ta’ nfiq tal-UE, b’mod partikolari l-politika ta’ koeżjoni, l-iżvilupp reġjonali, l-enerġija, it-trasport, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-Politika Agrikola Komuni.

L-UE u l-Istati Membri tagħha qegħdin kontinwament isaħħu l-leġiżlazzjoni tagħhom biex ikun hemm tnaqqis tal-gassijiet serra u tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-iżviluppi ta' politika ewlenin sa mis-sottomissjoni tal-ewwel rapport biennali jinkludu żviluppi fl-EU ETS, strumenti leġiżlattivi ġodda fil-qasam tat-trasport u Regolament imsaħħaħ dwar il-gass fluworurat .

Mill-2013, l-EU ETS jopera skont ir-regoli imtejba u armonizzati tal-Fażi 3 u jkopri l-perjodu 2013-2020. EU ETS riformat u li jaħdem sew huwa meħtieġ bħala l-istrument ewlieni biex l-emissjonijiet tal-EU ETS jonqsu għal 43 % fl-2030 meta mqabbel mal-2005. Għaldaqstant l-għodda ewlenija tal-Ewropa għaddejja minn riformi strutturali sinifikanti biex l-UE titqiegħed fit-triq lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Bħala l-ewwel pass, sabiex tkun indirizzata l-isfida ta' eċċess li qed jikber ta' kwoti tal-emissjonijiet li ssawret fl-EU ETS, ġie pospost l-irkantar ta' 900 miljun kwota. Bħala t-tieni pass, ġiet maqbula riżerva ta' stabbiltà tas-suq li se tindirizza l-eċċess ta' kwoti kif ukoll ittejjeb ir-reżiljenza tas-sistema għal xokkijiet maġġuri billi taġġusta l-provvista ta' kwoti li jkunu se jiġu rkantati. Fl-aħħar nett, f’Lulju tal-2015 il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tal-EU ETS sabiex timplimenta tnaqqis tal-emissjonijiet tal-EU ETS għal 43 % fl-2030 meta mqabbel mal-2005. Dan huwa l-aħħar pass biex l-EU ETS ikun idoneu għall-kuntest tal-2030.

Seħħew ukoll żviluppi ewlenin ta’ politika fil-qasam tat-trasport, b’leġiżlazzjoni ġdida tal-UE li tistabbilixxi miri vinkolanti tal-emissjonijiet għal flotot ġodda ta' karozzi u ta’ vannijiet li jridu jintlaħqu sal-2021. L-Istrateġija dwar il-Vetturi Heavy Duty, li kienet adottata f'Mejju tal-2014, hija l-ewwel inizjattiva tal-UE biex jiġi indirizzat il-konsum tal-fjuwil ta' trakkijiet, ta’ xarabanks u ta' kowċis. F’April tal-2015, l-UE adottat strument leġiżlattiv li jipprevedi sistema ta' sorveljanza, ta' rappurtar u ta' verifika madwar l-UE kollha għat-trasport marittimu bħala l-ewwel pass fl-istrateġija tal-UE lejn it-tnaqqis fl-emissjonijiet f'dan il-qasam.

Ir-Regolament revedut dwar il-gass fluworurat japplika mill-1 ta' Jannar 2015 u jsaħħaħ miżuri li kienu jeżistu qabel (peż. iż-żamma ta' gassijiet permezz ta' detezzjoni ta' ħruġ, l-istallazzjoni ta' tagħmir minn persunal imħarreġ, l-irkupru ta' gassijiet użati) u l-użu ta' gassijiet fluworurati jinqata’ bil-mod il-mod, u b’hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet totali tal-gass fluworurat b'żewġ terzi sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-2014. Dan jipprojbixxi wkoll

it-tqegħid ta' gassijiet fluworurati fis-suq, f'ċerti ċirkostanzi li fihom jeżistu alternattivi, peż. refriġeraturi u friżi domestiċi li fihom HFCs b'potenzjal ta' tisħin globali li jaqbeż il-150.

Barra minn hekk, filwaqt li jkompli fuq il-Pakkett tal-Klima u tal-Enerġija tal-2020, u f'konformità mal-għan li nimxu lejn ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, f'Ottubru tal-2014 il-Kunsill Ewropew laħaq ftehim dwar l-elementi ewlenin tal-Qafas tal-Klima u tal-Enerġija tal-UE għall-2030: mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990; mira ta' mill-inqas 27 % ta' enerġija rinnovabbli sal-2030, li tkun vinkolanti fil-livell tal-UE; mira indikattiva ta' effiċjenza enerġetika ta' mill-inqas 27 % għall-2030, li trid tiġi rieżaminata fl-2020 bil-ħsieb ta' mira ta' 30 %.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni diġà pproponiet Direttiva reveduta tal-EU ETS f'Lulju tal-2015 li bħalissa qed tiġi diskussa fl-istituzzjonijiet tal-UE u se tagħmel proposti leġiżlattivi li jkopru l-oqsma mhux koperti bl-ETS. Il-Kummissjoni qiegħda tressaq wkoll l-inizjattivi previsti fil-Qafas Strateġiku għall-Unjoni tal-Enerġija, inklużi proposti futuri dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika.

PROGRESS FIL-KISBA TAL-MIRA TA' TNAQQIS TAL-EMISSJONIJIET FL-EKONOMIJA KOLLHA – PROJEZZJONIJIET

Skont l-aħħar projezzjonijiet bil-miżuri eżistenti, bħala aggregati abbażi tad-dejta sottomessa mill-Istati Membri fl-2015 lill-UE, l-emissjonijiet huma stmati li jkunu 24 % inqas fl-2020 milli fl-1990. Għaldaqstant, attwalment l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha għall-2020.

Sal-2030, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra huma mistennija li jonqsu aktar.

L-emissjonijiet mill-qasam tal-enerġija, għajr għat-trasport, jirrappreżentaw l-akbar sehem tat-total ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u tat-tnaqqis ta' emissjonijiet totali mistenni. Huwa mistenni li l-emissjonijiet minn dan il-qasam se jonqsu b'madwar 33 % fl-2020 meta mqabbel mal-1990 u b'madwar 38 % sal-2030. Il-qasam tat-trasport huwa l-uniku qasam li l-emissjonijiet tiegħu huma mistennija jiżdiedu, bi 13 % bejn l-1990 u l-2020 u mbagħad jistabbilizzaw sal-2030. Wara l-2007, jidher tnaqqis kajman imma kostanti fl-emissjonijiet mit-trasport, minħabba prezzijiet tal-fjuwil ogħla flimkien ma' politiki aktar riġidi, bħal standards tad-CO_2 għall-karozzi u għall-vannijiet.

GĦOTI TA' APPOĠĠ FINANZJARJU, TEKNOLOĠIKU U GĦALL-BINI TAL-KAPAĊITÀ LILL-PARTIJIET MINN PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW

Il-finanzjament klimatiku għandu rwol ewlieni bħala mezz biex jintlaħaq l-għan maqbul li ż-żieda medja fit-temperatura globali tkun limitata għal anqas minn 2°C aktar mil-livelli ta' qabel l-industrijalizzazzjoni, biex b'hekk tinkiseb bidla trasformattiva lejn ekonomiji b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u jkun appoġġat żvilupp sostenibbli reżiljenti għall-klima. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma dawk li l-aktar li jagħtu Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp lil pajjiżi li qed jiżviluppaw. Din l-għajnuna kienet tammonta għal EUR 58.2 biljun fl-2014, filwaqt li ġew allokati EUR 7.34 biljun għall-finanzjament rapidu bejn l-2010 u l-2012. Barra minn hekk, fl-2014, l-UE u l-Istati Membri tagħha flimkien taw EUR 14,5-il biljun biex jgħinu lil pajjiżi li qed jiżviluppaw u li qed jindirizzaw it-tibdil fil-klima.

L-UE tippromwovi approċċ komuni u komprensiv għall-finanzjament għall-iżvilupp, inklużi azzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima bħala parti mill-“Aġenda għall-Bidla,” b'enfasi fuq kobenefiċċji tal-klima u tal-iżvilupp li jsaħħu lil xulxin.

L-appoġġ totali mogħti mill-UE fl-2013 u l-2014 lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma Partijiet tal-UNFCCC kien jammonta għal USD 2 178 miljun (EUR 1 641 miljun).

L-iżvilupp tal-kapaċitajiet huwa fil-qalba tal-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp u l-proġetti kollha ta' kooperazzjoni dwar l-għajnuna għall-iżvilupp fil-qasam tat-tibdil fil-klima jinvolvu attivitajiet tat-trasferiment teknoloġiku. L-Ewropa hija attur ewlieni fil-qasam tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u qed iżżomm il-pożizzjoni tagħha b’firxa ta’ inizjattivi ta’ politika. L-UE tappoġġa l-iżvilupp u l-użu ta’ teknoloġiji fil-pajjiżi li qegħdin fil-fażi ta' żvilupp permezz ta’ investimenti sostanzjali fl-innovazzjoni.